Grupp tal-Bank
Ewropew
tal-Investiment




Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

# Politika ta' Trasparenza

# Il-Politika ta' Trasparenza tal-Grupp tal-BEI

6 ta' Marzu 2015

# Werrej

1. Sfond u Skop ..... 3
2. Il-Prinċipji ta' Gwida ..... 3
Aċċess Miftuħ ..... 3
L-iżgurar tal-fiduċja u l-ħarsien ta' informazzjoni sensittiva ..... 4
Rieda li jisma' u li jinvolvi ruħu ..... 4
3. Il-Qafas Istituzzjonali ..... 4
4. Il-Pubblikazzjoni ta' informazzjoni ..... 5
Il-prinċipji għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ..... 5
Informazzjoni dwar Proġetti ..... 6
Informazzjoni Finanzjarja ..... 7
5. Żvelar ta' Informazzjoni ..... 8
Prinċipji għall-Iżvelar ..... 8
Eċċezzjonijiet ..... 8
Proċeduri għall-Indirizzar ta' Talbiet għall-Informazzjoni ..... 11
6. Dispożizzjonijiet għal Ilmenti u Appelli ..... 12
Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti ..... 12
L-Ombudsman Ewropew ..... 12
Il-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ..... 13
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ..... 13
7. L-Involviment tal-Partijiet Interessati u Konsultazzjoni Pubblika ..... 13
Il-prinċipji għall-involviment tal-partijiet interessati ..... 13
L-involviment tal-partijiet interessati fil-proġetti ..... 14
Konsultazzjoni Pubblika ..... 14
8. Nippromwovu t-Trasparenza ..... 15
Inizjattiva għal Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni ..... 15
Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna ..... 15
9. Responsabbiltajiet ..... 16

# 1. Sfond u Skop

1.1 Din il-Politika ta' Trasparenza ("Il-Politika") tiddefinixxi l-approċċ tal-Grupp tal-BEI fir-rigward tat-trasparenza u l-involviment tal-partijiet interessati.

1.2 Il-Grupp tal-BEI ("Grupp") jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Il-Prinċipji ta' Gwida ta' din il-Politika, stabbiliti fil-Kapitolu 2, japplikaw għall-Grupp kollu, filwaqt li l-partijiet sussegwenti japplikaw għall-BEI biss. Il-FEI ser jistabbilixxi il-qafas ta' implimentazzjoni tiegħu stess, li ser jikkunsidra l-kuntest speċifiku kummerċjali u ta' governanza tal-FEI.

1.3 Meta japplika din il-Politika, il-Grupp tal-BEI jqis il-Politiki l-oħra tal-Grupp tal-BEI u regoli bħall-Politika Kontra l-Frodi, il-Politika ta' Denunzja ta' Irregolaritajiet, il-Prinċipji tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti, u l-Kodiċijiet ta' Kondotta rilevanti applikabbli għall-persunal u l-korpi governattivi. Din il-Politika ma tegħlibx dawn il-Politiki u regoli iżda għandha tinqara flimkien magħhom billi dawn issaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. F'każ ta' kunflitt bejn regoli speċifiċi ta' trasparenza u żvelar f'Politiki oħra tal-Grupp tal-BEI u din il-Politika ta' Trasparenza, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar għandhom jirbħu.

1.4 Din il-Politika ġiet approvata mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI fis-6 ta' Marzu 2015, b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank u wara proċess ta' konsultazzjoni pubblika. Din il-Politika hija disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea fuq il-websajt tal-BEI kif ukoll bħala kopja stampata (fuq talba).

# 2. Il-Prinċipji ta' Gwida

## Aċċess Miftuħ

2.1 Din il-Politika hija ggwidata mill-prinċipju ta' aċċess miftuħ u l-ogħla livell possibbli ta' trasparenza bil-preżunzjoni sottostanti li informazzjoni dwar l-attivitajiet operattivi u istituzzjonali tal-Grupp għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' terzi (il-pubbliku) fin-nuqqas ta' eċċezzjoni definita ("preżunzjoni ta' żvelar", ara t-taqsima 5 ta' din il-Politika u t-taqsima rispettiva dwar l-iżvelar tal-Politika ta' Trasparenza tal-FEI), abbażi tal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u trattament ugwali u skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi fejn jopera u prinċipji aċċettati internazzjonalment.

2.2 L-istituzzjonijiet membri tal-Grupp tal-BEI jikkunsidraw, minħabba n-natura doppja tagħhom bħala istituzzjonijiet finanzjarji u pubbliċi, li l-kredibbiltà tagħhom u r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini jissaħħu meta jkunu trasparenti fil-mod kif jieħdu d-deċiżjonijiet, kif jaħdmu u kif jimplimentaw il-politiki tal-UE. It-trasparenza tikkontribwixxi wkoll għal żieda fl-effiċjenza, l-effettività u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-Grupp, fejn issaħħaħ l-approċċ tiegħu ta' tolleranza żero lejn il-frodi u l-korruzzjoni, tiżgura l-konformità mal-istandards ambjentali u soċjali marbuta ma' proġetti ffinanzjati, u tippromwovi r-responsabbiltà u l-governanza tajba.

2.3 Il-Grupp tal-BEI jifhem it-trasparenza bħala li tirreferi għal ambjent fejn l-objettivi ta' politiki, il-qafas legali, istituzzjonali u ekonomiku tiegħu, id-deċiżjonijiet ta' politika u r-raġunament warajhom, u t-termini tar-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet membri tiegħu, jiġu pprovduti lill-pubbliku b'mod li jinftiehem, aċċessibbli u fil-ħin. It-trasparenza għaldaqstant hija kundizzjoni essenzjali għal skambju liberu u miftuħ ma' partijiet interessati fejn ir-regoli u r-raġunijiet dwar politiki u prattiki huma ġusti u ċari għall-partijiet kollha.

2.4 Barra minn hekk, billi jipprovdi informazzjoni lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet ekonomiċi, il-Bank jgħin ukoll biex jittejbu l-istabbiltà u l-effiċjenza tas-swieq u jippromwovi konformità ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment.

### L-IŻGURAR TAL-FIDUĊJA U L-ĦARSIEN TA' INFORMAZZJONI SENSITTIVA

2.5 Bħala istituzzjonijiet finanzjarji, il-membri tal-Grupp tal-BEI jridu jżommu l-kunfidenza u l-fiduċja tal-klijenti, il-kofinanzjaturi u l-investituri tagħhom. Huwa meħtieġ ukoll li jingħata serħan tal-moħħ dwar it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali, sabiex ma tiġix affettwata r-rieda ta' dawn l-imsieħba biex jaħdmu mal-Grupp, u sabiex b'hekk il-membri tiegħu ma joqogħdux lura milli jwettqu l-missjonijiet u l-objettivi rispettivi tagħhom. Din il-Politika tiżgura li l-informazzjoni hija protetta minn żvelar meta l-iżvelar jippreġudika d-drittijiet u l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, u/jew tal-Grupp skont l-eċċezzjonijet iddefiniti fil-Politika. Madankollu, il-Grupp ma joġġezzjonax għal partijiet terzi li jagħmlu informazzjoni disponibbli dwar ir-relazzjoni tagħhom mal-Grupp tal-BEI.

### RIEDA LI JISMA' U LI JINVOLVI RUĦU

2.6 Il-Grupp tal-BEI huwa impenjat li jħeġġeġ b'mod attiv kontribut mill-partijiet interessati għall-politiki u l-prassi tiegħu. Permezz tal-impenn tiegħu lejn komunikazzjoni miftuħa, il-Grupp juri r-rieda tiegħu li jisma' lil terzi sabiex jibbenefika mill-kontributi tagħhom lejn il-ħidma biex iwettaq il-missjoni tiegħu.

2.7 Il-Grupp tal-BEI huwa miftuħ ukoll għal djalogu kostruttiv u kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha fuq il-bażi ta' fiduċja u benefiċċji reċiproċi.

# 3. Il-Qafas Istituzzjonali

3.1 Filwaqt li l-Prinċipji ta' Gwida ta' din il-Politika (Kapitolu 2) japplikaw għall-Grupp tal-BEI kollu, l-implimentazzjoni tagħhom għandha titwettaq fi ħdan il-qafas istituzzjonali individwali tal-BEI u l-FEI rispettivament. Għaldaqstant, dokument separat ta' politika kif ukoll regoli speċifiċi dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni/dokumenti tal-FEI huma fformulati u ppubblikati separatament mill-FEI. Għalhekk, talbiet għal informazzjoni/dokumenti fir-rigward ta' attivitajiet tal-FEI huma pproċessati mill-FEI skont din il-politika.

3.2 Il-BEI huwa korp tal-Unjoni Ewropea. Il-BEI huwa bank immexxi mill-politika li l-missjoni tiegħu hi li jressaq 'il quddiem l-objettivi tal-Unjoni Ewropea billi jipprovdi finanzjament fit-tul għal investiment sod. L-Istatut tiegħu, li jifforma parti integrali mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u għandu l-istess valur legali, jiddefinixxi l-irwol, l-ambitu tal-attivitajiet u l-istruttura ta' tmexxija tal-Bank. L-Istatut jistabbilixxi wkoll lill-Istati Membri tal-UE bħala l-azzjonisti tal-BEI li jinnominaw il-Membri għall-korpi ta' tmexxija prinċipali tal-Bank: il-Bord tal-Gvernaturi, il-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika.

3.3 Il-BEI jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jirrispettaw il-politiki u l-liġijiet tal-UE jew, fejn dawn ma jkunux applikabbli, juża l-politiki u l-liġijiet tal-UE bħala l-aħjar referenza. Fl-operat tiegħu ta' kuljum, il-Bank iqis standards u prattiki applikati mill-komunità bankarja u finanzjarja, b'mod partikolari f'oqsma mhux koperti direttament mil-liġi tal-UE.

3.4 It-titjib fit-trasparenza tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha huwa politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tqarribhom aktar lejn il-pubbliku li huma jaqdu, waqt li fl-istess ħin tenfasizza r-rilevanza tagħhom biex jikkontribwixxu lejn il-koeżjoni soċjali u ekonomika tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-objettivi tal-koperazzjoni esterna tal-Unjoni.

3.5 Din il-Politika hija konsistenti mal-obbligi legali tal-BEI fir-rigward tal-prinċipju ta' aċċess miftuħ u d-dritt għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Il-paragrafi 3.6 – 3.8 t'hawn taħt jistabbilixxu, b'mod mhux tekniku, il-mod kif il-BEI jifhem ir-relazzjoni bejn il-Politika u l-obbligi legali tiegħu.

3.6 Il-prinċipju ta' aċċess miftuħ huwa stabbilit fl-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jiddikjara li t-Trattat huwa pass ġdid lejn il-ħolqien ta' għaqda dejjem iżjed mill-qrib fost il-popli tal-Ewropa, li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin. L-aċċess miftuħ jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-prinċipji ta' demokrazija u rispett tad-drittijiet fundamentali b'mod konformi mal-Artikolu 6 TUE. L-Artikolu 15(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jeħtieġ li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż il-BEI, imexxu l-ħidma tagħhom bil-mod l-aktar miftuħ possibbli sabiex tiġi promossa tmexxija tajba u tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili.

3.7 L-Artiklu 15(3) TFUE jipprovdi għad-dritt għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Dan huwa dritt fundamentali, rikonoxxut mill-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-prinċipji ġenerali u l-limiti li jirregolaw dan id-dritt huma ddeterminati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea permezz ta' leġiżlazzjoni. Il-leġiżlazzjoni li hija fis-seħħ bħalissa hija r-Regolament (KE) Nru 1049/2001[1].

3.8 L-Artikolu 15(3) jiddikjara wkoll li tali leġiżlazzjoni tapplika għall-BEI biss meta jeżerċita l-kompiti amministrattivi tiegħu. Il-BEI jifhem li l-intenzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija li l-BEI nnifsu għandu jiddetermina, b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' aċċess miftuħ, tmexxija tajba u parteċipazzjoni, kif il-prinċipji ġenerali u l-limiti li jirregolaw id-dritt għall-aċċess pubbliku għandu japplika b'relazzjoni mal-funzjonijiet speċifiċi tiegħu bħala bank. Il-BEI jagħmel dan permezz tal-Politika u b'mod speċifiku permezz tal-applikazzjonijiet tal-eċċezzjonijiet għall-aċċess stabbiliti fl-Artikolu 5 hawn taħt.

# 4. Il-Pubblikazzjoni ta' informazzjoni

## IL-PRINĊIPJI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI

4.1 Sabiex jappoġġja u jippromwovi l-prinċipju tat-trasparenza, il-BEI huwa impenjat bis-sħiħ biex jippubblika regolarment informazzjoni preċiża u fil-ħin dwar l-irwol, il-politiki u l-attivitajiet operattivi tiegħu.

Il-BEI jippubblika regolarment sett wiesa' ta' dokumenti, inkluż pereżempju:

- Informazzjoni istituzzjonali
- Politiki u strateġiji
- Informazzjoni relatata ma' proġetti
- Informazzjoni dwar akkwisti u avviżi ta' offerti għall-Bank stess
- Informazzjoni relatata ma' responsabbiltà u tmexxija.

Fuq il-websajt tal-BEI hemm ippubblikata lista mhux eżawrjenti b'links għal dokumenti u informazzjoni ewlenija tal-BEI. Il-lista hija aġġornata u żviluppata regolarment.

4.2 L-għodda ewlenija għat-tqassim ta' din l-informazzjoni hija l-websajt tal-BEI (www.eib.org). Il-Bank jipprova wkoll iqassam informazzjoni lill-pubbliku b'mezzi oħra bħal pubblikazzjonijiet stampati u dokumenti informattivi, il-midja soċjali, stqarrijiet għall-istampa, konferenzi u seminars.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L145, p. 43.

4.3 Sabiex jippromwovi l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, il-Bank huwa impenjat lejn sistema ta' lingwi li tqis il-bżonnijiet tal-pubbliku. Id-dokumenti statutorji tal-BEI huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Dokumenti ewlenin oħrajn ta' importanza partikolari għall-pubbliku, bħal din il-Politika nfisha, huma ppubblikati wkoll bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, waqt li oħrajn huma disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. It-traduzzjoni f'lingwi oħra tista' tiġi kkunsidrata skont it-tip ta' dokument u l-interess pubbliku.

4.4 Fil-limiti imposti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, id-deċiżjoni finali dwar liema informazzjoni tista' tinħareġ għall-pubbliku għandha tkun f'idejn il-Bank, li għandu jiddeċiedi wkoll liema dokumenti għandu jippubblika, jekk hux f'forma elettronika u/jew stampata, u liema dokumenti huma disponibbli biss fuq talba.

## INFORMAZZJONI DWAR PROĠETTI

4.5 Sommarju dwar proġett ġeneralment jiġi ppubblikat fuq il-Lista tal-Proġetti fuq il-websajt tal-Bank meta l-Bank formalment jitlob l-opinjonijiet tal-Istat Membru jew il-pajjiż ospitanti tal-proġett u l-Kummissjoni Ewropea, kif meħtieġ skont l-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI. Dan huwa meqjus bħala l-punt l-aktar adatt għall-ewwel dikjarazzjoni pubblika meta l-Bank ikun laħaq stadju avvanzat biżżejjed fid-diskussjonijiet ma' promotur ta' proġett biex jibda l-evalwazzjoni tal-proġett qabel ma proposta għal self tiġi ppreżentata lill-Bord tad-Diretturi.

4.6 Il-Bank għandu jippubblika sommarji tal-proġetti tal-proġetti ta' investiment kollha tal-anqas 3 ġimgħat qabel ma l-proġett jiġi kkunsidrat għall-approvazzjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI. Madankollu, numru limitat ta' proġetti ma jiġux ippubblikati qabel l-approvazzjoni tal-Bord u, f'xi każijiet, mhux qabel il-firma tas-self sabiex jiġu mħarsa interessati ġustifikati fuq bażi tal-eċċezzjonijiet għall-iżvelar stabbiliti f'din il-Politika.

4.7 Is-sommarji tal-proġetti ġeneralment jinkludu l-isem tal-proġett, il-promotur tal-proġett jew l-intermedjarju finanzjarju (għal self intermedjat), il-lokalità tal-proġett, is-settur li jirrappreżenta, deskrizzjoni tal-proġett, l-objettiv(i) tiegħu, l-aspetti ambjentali u, jekk rilevanti, soċjali tiegħu, l-informazzjoni dwar l-akkwist, il-finanzjament propost tal-BEI, l-ispiża totali tal-proġett, u l-istatus tal-proġett, fejn jiġi nnotat jekk huwiex "taħt evalwazzjoni", "approvat", jew "iffirmat". Fejn applikabbli, jiġu pprovduti links għal informazzjoni ambjentali (Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali u Soċjali u/jew Sommarji Mhux Tekniċi), kmieni kemm jista' jkun fiċ-ċiklu tal-proġett.

4.8 Self intermedjat jiġi ppubblikat fuq il-Lista tal-Proġetti fuq il-websajt tal-Bank. Barra dan, u sakemm ikun possibbli, il-Bank joħroġ, fuq talba, dejta aggregata dwar finanzjament ta' self intermedjat, inkluż tqassim skont il-pajjiż u s-settur.

4.9 Jekk applikabbli, is-sommarju tal-proġett jinkludi link għar-Reġistru Pubbliku tal-BEI (ara hawn taħt) li jospita s-Sommarju Mhux Tekniku (SMT) ta' VIA u, barra mill-UE, l-ekwivalenti ta' SMT flimkien tal-Istudju/Dikjarazzjoni tal-Impatt Ambjentali u Soċjali (SIA), u dokumenti rilevanti oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-prestazzjoni ambjentali u soċjali ta' proġett. Il-persunal tal-BEI jagħmel sforz biex jissodisfa talbiet speċifiċi għal informazzjoni dwar kwistjonijiet u dokumenti relatati mal-VIA/SIA. Il-BEI jeħtieġ li l-promoturi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dokumenti relatati mal-VIA f'lokalità u forma xierqa, u jħeġġiġhom ukoll biex jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni ambjentali u soċjali addizzjonali relatata mal-proġett.

4.10 Il-BEI kultant jikkoopera mill-qrib ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) u istituzzjonijiet bilaterali Ewropej oħrajn u wessa' u approfondixxa din il-koperazzjoni speċjalment permezz ta' delega parzjali jew sħiħa ta' valutazzjoni u monitoraġġ ta' proġett (dipendenza reċiproka). Id-dokumenti relatati ma' tali proġetti komuni mħejjija ma' IFI u/jew istituzzjoni bilaterali Ewropea oħra jistgħu jiġu żvelati mill-partijiet l-oħra nfushom jew mill-BEI bi qbil minn tal-IFI jew istituzzjoni bilaterali Ewropea rilevanti l-oħra.

4.11 Wara l-iffirmar, is-sommarji tal-proġetti huma aċċessibbli permezz tal-lista ta' proġetti ffinanzjati.

4.12 B'mod konformi mar-Regolament ta' Aarhus, informazzjoni ambjentali u soċjali miżmuma mill-Bank u li hija relatata ma' proġetti wkoll tkun disponibbli permezz tar-Reġistru Pubbliku[2] ta' dokumenti tal-BEI li l-Bank stabbilixxa fuq il-websajt tiegħu. Il-BEI qed jiżviluppa dan ir-reġistru biex jiżgura li l-informazzjoni ambjentali tkun disponibbli gradwalment u titqassam lill-pubbliku.

4.13 Il-proġetti li jiġu kkanċellati wara l-pubblikazzjoni tagħhom jitneħħew mill-websajt tal-BEI ladarba l-involviment tal-BEI ma jkunx għadu previst.

## INFORMAZZJONI FINANZJARJA

4.14 Il-Bank jippubblika rendikonti finanzjarji vverifikati fuq bażi annwali li huma inklużi fir-Rapport Annwali tal-Bank, kif ukoll sommarju tal-karta tal-bilanċ u l-kont tal-profitt u telf mhux ivverifikati kull sitt xhur. Il-BEI japplika l-Istandards Internazzjonali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) fuq livell ikkonsolidat (grupp), b'noti estiżi għar-Rendikont tal-Karta tal-Bilanċ u tal-Kont tal-Profitt u tat-Telf kif ukoll ir-Rapport tal-Awdituri Indipendenti u Rapport tal-Kumitat tal-Verifika. Dan huwa element fundamentali tat-trasparenza u huwa rikonoxxut bħala espressjoni tal-aħjar prattika tat-tmexxija korporattiva fil-livell ta' grupp. Bl-istess objettiv, id-Direttivi Ewropej rilevanti[3] huma applikati għal rendikonti finanzjarji mhux ikkonsolidati tal-BEI.

4.15 Informazzjoni dettaljata dwar it-teħid ta' self tiffoka fuq prodotti finanzjarji, operazzjonijiet ta' finanzjament li jkunu jinsabu għaddejjin u titoli dovuti. Aktar informazzjoni hija pprovduta dwar swieq ta' bonds, tabelli ta' ħruġ u links għal ċirkulari ta' offerti u programmi ta' ħruġ ta' djun.

4.16 Informazzjoni dwar l-approċċ tal-BEI lejn attivitajiet ta' teħid ta' self tingħata fuq il-websajt tal-Bank, waqt li l-Pjan Korporattiv tal-Operat jindika l-volum mistenni ta' finanzjament.

4.17 Il-BEI huwa meħtieġ isegwi l-liġi fis-swieq fejn huma offruti t-titoli tiegħu. Rekwiżit komuni fil-ġurisdizzjonijiet fejn jopera l-BEI huwa n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-iżvelar ta' informazzjoni finanzjarja li jista' jipprovdi lil xi ħadd b'vantaġġ kompetittiv inġust fin-negozjar. B'mod ġenerali, il-BEI jipprova jiżgura li informazzjoni fuq affarijiet bħal dawn tinħareġ simultanjament permezz ta' mezzi regolatorji approvati xierqa kif ukoll fuq il-websajt tiegħu. Informazzjoni regolari dwar attivitajiet ta' teħid ta' self hija wkoll ipprovduta minn intermedjarji finanzjarji.

4.18 Il-mezzi ewlenin ta' komunikazzjoni dwar operazzjonijiet ta' teħid ta' self u informazzjoni oħra ta' rilevanza għall-udjenzi ta' swieq kapitali jinkludu:

- Dokumenti regolatorji li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
- Il-websajt tal-Bank;
- Servizzi ewlenin ta' aħbarijiet finanzjarji, b'mod partikolari Bloomberg u Reuters;
- Tixrid ta' aħbarijiet permezz ta' Servizz ta' Informazzjoni Regolatorja;
- Is-sit sekondarju tal-websajt tal-Bank tar-Relazzjonijiet mal-Investituri jiffoka fuq l-attivitajiet ta' teħid ta' self tal-Bank, u jipprovdi wkoll materjal dwar l-istorja tal-kreditu tal-BEI, inklużi links għal rapporti tal-klassifikazzjoni. Dawn il-paġni tal-websajt jipprovdu profil tal-BEI bħala mutwatarju, u informazzjoni relatata ma' aspetti ewlenin tal-operazzjonijiet tiegħu ta' self, inklużi tabelli ta' ħruġ u links li jipprovdu ċirkulari u programmi ta' ħruġ ta' djun.

[2] Ir-reġistru jista' jiġi aċċessat permezz ta' http://www.eib.org/infocentre/register/index.htm?lang=en
[3] Direttiva tal-UE 86/635/KEE tat-08.12.1986 emendata bid-Direttivi tal-UE 2001/65/KE tal-27.9.2001 u 2003/51/KE tat-18.06.2003

- Ir-Rapport Annwali tal-Grupp tal-BEI jinkludi informazzjoni estensiva dwar attivitajiet ta’ għoti u teħid ta' self, kif ukoll rendikonti finanzjarji. Dan jinkludi r-Rapport Finanzjarju, li jagħti ħarsa ġenerali annwali lejn l-attivitajiet ta’ teħid ta' self, u tal-ġestjoni tat-teżor u tal-likwidità. Fost id-dokumenti tar-Rapport Annwali hemm is-suppliment tal-istatistika, li jinkludi lista ta’ attivitajiet ta’ bonds imwettqa fis-swieq kapitali.
- Dokumenti ta’ preżentazzjonijiet u folji ta’ fatti;
- Newsletter perjodika għall-investituri;
- Stqarrijiet għall-istampa dwar attivitajiet ta’ teħid ta' self, li jitqiesu li huma partikolarment rilevanti jew li jirrispondu għal rekwiżiti ta’ żvelar;
- Materjali oħrajn ta’ informazzjoni speċjalizzata dwar l-attivitajiet tal-Bank fis-swieq kapitali, u;
- Il-BEI għandu wkoll kuntatti diretti ma’ taqsimiet oħrajn tal-komunità ta’ investiment f’laqgħat (inklużi wirjiet fit-toroq, telekonferenzi u konferenzi).

4.19 Dokumentazzjoni (Ċirkulari ta’ Offerti, Prospetti u/jew Programmi) għal ħruġ ta’ bonds pubbliċi hija disponibbli fuq talba.

4.20 Mistoqsijiet dwar l-attivitajiet tal-Bank fis-swieq kapitali għandhom jiġu indirizzati lid-Diviżjoni tar-Relazzjonijiet mal-Investituri (investor.relations@eib.org).

# 5. Żvelar ta’ Informazzjoni

## PRINĊIPJI GĦALL-IŻVELAR

5.1. Preżunzjoni ta’ żvelar:

a. L-informazzjoni u d-dokumenti kollha miżmuma mill-Bank huma soġġetti għal żvelar fuq talba, ħlief jekk ikun hemm raġuni kostriġġenti biex ma jiġux żvelati (ara "Eċċezzjonijiet" hawn taħt).

b. Din il-Politika tapplika mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-aċċess pubbliku għal informazzjoni/dokumenti miżmuma mill-BEI li tista' tirriżulta minn:

i. Il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali, li ġiet konkluża f'Aarhus, id-Danimarka, fil-25 ta' Ġunju 1998 u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006; jew

ii. Strumenti oħra tad-dritt internazzjonali jew atti ta' istituzzjonijiet li jimplimentawhom.

5.2 Nuqqas ta’ diskriminazzjoni u trattament ugwali: Kull membru tal-pubbliku għandu dritt jitlob u jirċievi informazzjoni fil-ħin mill-BEI. Meta jikkunsidra talba għall-informazzjoni/dokumenti, il-Bank la għandu jiddiskrimina u lanqas ma għandu jagħti aċċess speċjali privileġġat għall-informazzjoni/dokumenti.

## EĊĊEZZJONIJIET

5.3 Filwaqt li l-Bank huwa impenjat lejn politika ta’ preżunzjoni ta’ żvelar u trasparenza, għandu wkoll id-dmir li jirrispetta s-segretezza professjonali, b’mod konformi mal-liġijiet Ewropej, b’mod partikolari l-Artikolu 339 TFUE, kif ukoll leġiżlazzjoni biex jipproteġi d-dejta personali. Regolamenti nazzjonali u

standards tas-settur bankarju li jkopru kuntratti ta' negozju u attività tas-suq jistgħu japplikaw ukoll għall-BEI. B'hekk hemm ċerti restrizzjonijiet fuq l-iżvelar ta' informazzjoni/dokumenti.

Bl-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għall-iżvelar il-Bank, b'mod konformi mal-artikolu 3.8 t'hawn fuq, għandu jirrispetta l-irwol u l-attivitajiet speċifiċi tiegħu, il-ħtieġa biex iħares l-interessi leġittimi tiegħu u l-kunfidenzjalità tar-relazzjoni tiegħu mal-kontropartijiet tiegħu.

5.4 B'mod partikolari, l-aċċess jista' jiġi miċħud meta l-iżvelar jippreġudika l-protezzjoni ta':

a. l-interess pubbliku, fir-rigward ta':
   - relazzjonijiet internazzjonali
   - il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-UE, tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha, jew ta' Stat Membru
   - l-ambjent, bħal siti ta' trobbija ta' speċji rari

b. il-privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni ta' dejta personali[4].

5.5 L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti jista' jiġi miċħud ukoll meta l-iżvelar jippreġudika l-protezzjoni ta':

- interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika[5];
- proprjetà intellettwali;
- proċeduri quddiem qrati u pariri legali;
- l-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki. L-iżvelar ta' informazzjoni u dokumenti miġbura u ġġenerati matul spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki għandu jiġi preżunt li jippreġudika l-ħarsien tal-iskop tal-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet u l-verifiki anke wara li dawn jingħalqu, jew l-att rilevanti ikun sar definittiv u tkun ttieħdet l-azzjoni ta' segwitu[6].

  Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, il-Bank jista' jiżvela sommarju ta' investigazzjonijiet li ngħalqu, b'mod partikolari filwaqt li jqis u b'mod konformi mal-prinċipji u r-regoli pprovduti fil-(i) leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta tal-Unjoni Ewropea u l-opinjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u (ii) leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Politika Kontra l-Frodi tal-BEI.

5.6 L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti, imfassla mill-Bank għal użu intern jew riċevuti mill-Bank, li huwa relatat ma' kwistjoni fejn ma tteħdietx deċiżjoni mill-organu rilevanti tal-Bank, jiġi miċħud jekk l-iżvelar tad-dokument/informazzjoni jippreġudika b'mod serju l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bank.

---

[4] Il-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali hija dritt fundamentali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fl-ipproċessar tad-dejta personali, il-BEI japplika, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049, it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001. F'dan il-kuntest, il-Bank jirrifjuta l-aċċess għal dokumenti li fihom dejta personali, b'mod partikolari dawk li ġeneralment huma mmaniġġjati mid-Direttorat tal-Persunal tiegħu, fejn l-aċċess għad-dokumenti ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar l-iżvelar.

[5] It-terminu "interess kummerċjali" jkopri, iżda mhuwiex limitat, għal każijiet fejn il-Bank ikun laħaq ftehim ta' kunfidenzjalità. Barra dan, l-interessi kummerċjali jistgħu jiġu mħarsa anke wara l-iskadenza tal-ftehim ta' kunfidenzjalità.

[6] Għall-iskop tal-interpretazzjoni tal-artikolu 5.5, il-preżunzjoni msemmija fir-raba' inċiż tapplika għal spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki inklużi konformità tad-diliġenza dovuta magħmula minn, jew f'isem, is-servizzi rilevanti tal-Bank, b'mod partikolari l-investigazzjonijiet ta' frodi, verifika interna u esterna u l-funzjonijiet tal-konformità; ma tapplikax għal stħarriġ magħmul skont il-Prinċipji, it-Termini ta' Referenza u r-Regoli ta' Proċedura tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI.

L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti li fihom opinjonijiet għal użu intern bħala parti minn deliberazzjonijiet jew konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-Bank jew mal-Istati Membri/partijiet interessati oħra, jiġi miċħud anke wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni jekk l-iżvelar tal-informazzjoni/dokument jippreġudika b'mod serju l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bank.

5.7 L-eċċezzjonijiet taħt 5.5 u 5.6 japplikaw sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku suprem fl-iżvelar. Fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' inċiżi fl-Artikolu 5.5, bl-eċċezzjoni ta' investigazzjonijiet, interess pubbliku suprem fl-iżvelar jitqies li jeżisti meta l-informazzjoni/dokument mitluba tkun relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent.

5.8 Ir-raġunijiet għal rifjut, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni/dokumenti ambjentali għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, waqt li jitqies l-interess pubbliku moqdi mill-iżvelar u jekk l-informazzjoni mitluba hijiex relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent.

5.9 Fir-rigward ta' dokumenti ta' terzi (inklużi Stati Membri tal-UE u istituzzjonijiet u korpi tal-UE), il-Bank għandu jikkonsulta mal-parti terza dwar jekk l-informazzjoni fid-dokument hijiex kunfidenzjali, skont din il-Politika, sakemm ma jkunx ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

5.10 Stat Membru jista' jitlob lill-Bank biex ma jiżvelax dokument li joriġina minn Stat Membru qabel il-ftehim tiegħu minn qabel, fejn jispjega r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tiegħu b'referenza għall-eċċezzjonijiet imsemmija f'din il-Politika.

5.11 Il-Bank ma joġġezzjonax għal promoturi ta' proġetti, dawk li jissellfu, jew partijiet kompetenti oħrajn li jagħmlu informazzjoni/dokumenti disponibbli dwar ir-relazzjoni u l-arranġamenti tagħhom mal-BEI.

5.12 Il-Bank jiżvela ċerta informazzjoni aggregata dwar l-attività ta' investituri. Informazzjoni kunfidenzjali, bi qbil mal-eċċezzjonijiet stabbiliti f'din il-Politika, relatata ma' investituri individwali jew banek, ma tiġix żvelata. Il-Bank madankollu jipprova jħeġġeġ trasparenza fir-rigward tal-ħruġ tiegħu ta' titoli kull fejn dan ikun possibbli.

5.13 L-eċċezzjonijiet ikopru wkoll informazzjoni dwar allokazzjonijiet individwali li jsiru minn banek lokali biex jappoġġaw investiment mill-klijenti tagħhom stess taħt linji ta' kreditu stabbiliti mal-BEI. Din l-informazzjoni taqa' taħt il-kompetenza tal-bank intermedjarju bħala parti mir-relazzjoni ta' negozju normali bejn il-bank rispettiv u l-klijenti tiegħu[7]. Madankollu, il-BEI iħeġġeġ lill-bank intermedjarju biex jagħmel disponibbli informazzjoni dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-BEI.

5.14 L-eċċezzjonijiet japplikaw biss għall-perjodu li matulu l-protezzjoni tkun iġġustifikata fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu massimu ta' 30 sena. Wara 30 sena, dokument ikun soġġett għal reviżjoni għal arkivjar pubbliku. Fil-każ tad-dokumenti li jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' dejta personali jew interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika inkluża proprjetà intellettwali, l-eċċezzjonijiet jistgħu, jekk ikun meħtieġ, ikomplu japplikaw wara dan il-perjodu. B'mod ġenerali, l-informazzjoni għandha tinżamm mill-Bank biss sakemm jintlaħaq it-tmiem tar-rekwiżiti taż-żamma.

5.15 It-talbiet kollha għall-iżvelar ta' informazzjoni/dokumenti speċifiċi għandhom jiġu indirizzati fil-pront mill-Bank, li għandu jagħti aċċess sħiħ jew parzjali għad-dokument mitlub (jekk partijiet biss ta' dokument mitlub ikunu koperti minn xi waħda mir-restrizzjonijiet imsemmija hawn fuq, tiġi rilaxxata informazzjoni mill-partijiet rimanenti) u/jew ir-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali għandhom jiġu ddikjarati.

[7] Il-BEI m'għandu ebda relazzjoni kuntrattwali mal-benefiċjarji finali ta' selfiet intermedjati. Il-bank intermedjarju huwa s-sieħeb kummerċjali tal-benefiċjarju, li jassumi r-riskji kummerċjali tal-proġett u li jiffirma l-kuntratt ta' finanzjament.

## PROĊEDURI GĦALL-INDIRIZZAR TA' TALBIET GĦALL-INFORMAZZJONI

Il-proċeduri tal-Bank għall-indirizzar ta' talbiet għall-informazzjoni mill-pubbliku huma skont kif ġej:

5.16 Applikazzjonijiet għall-aċċess għandhom jiġu indirizzati preferibbilment bil-miktub lill-uffiċċju tal-informazzjoni tal-BEI (infodesk@eib.org). Jistgħu jsiru wkoll fi kwalunkwe forma oħra u jintbagħtu lil kwalunkwe mill-indirizzi tal-BEI, inkluż l-Uffiċċji Esterni tiegħu.

5.17 L-applikant mhuwiex obbligat jagħti raġunijiet għall-applikazzjoni.

5.18 Jekk talba bil-fomm għall-informazzjoni tkun wisq ikkumplikata jew kumplessa biex tiġi pproċessata, min jagħmel it-talba jiġi mistoqsi jifformula t-talba bil-miktub.

5.19 Jekk applikazzjoni ma tkunx preċiża biżżejjed jew jekk ma tippermettix l-identifikazzjoni tad-dokument, jew l-informazzjoni, l-applikant jiġi mistoqsi biex jiċċara l-applikazzjoni.

5.20 Jekk tkun diġà nħarġet informazzjoni mill-Bank, l-applikant jiġi infurmat dwar kif għandu jikseb l-informazzjoni mitluba.

5.21 Fil-każ ta' applikazzjoni relatata ma' dokument twil ħafna jew ma' numru kbir ħafna ta' dokumenti, il-Bank jista' jiddiskuti informalment mal-applikant, bil-għan li tinstab soluzzjoni ġusta.

5.22 It-talbiet normalment jiġu pproċessati mill-Infodesk tal-BEI u jingħataw risposta mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol wara r-riċeviment[8].

5.23 F'każijiet eċċezzjonali, pereżempju fil-każ ta' applikazzjoni relatata ma' dokument twil ħafna jew meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-pront u tkun kumplessa biex tiġi kkumpilata, il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż u l-korrispondent jiġi infurmat dwar dan sa mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol wara r-riċeviment.

5.24 Il-Bank għandu, madankollu, jipprova jagħti risposta għal tali talbiet kumplessi sa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol wara r-riċeviment.

5.25 Jekk, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-Bank ma jkunx jista' jiżvela l-informazzjoni mitluba, bis-sħiħ jew parzjalment, ir-raġuni(jiet) għaliex tali informazzjoni ma tistax tiġi pprovduta għandhom jiġu ddikjarati u l-applikant jiġi infurmat bid-dritt li jagħmel applikazzjoni konfermatorja volontarja jew li jippreżenta lment.

5.26 L-informazzjoni għandha tingħata f'verżjoni u format eżistenti, jew, jekk ikun fattibbli, f'format skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' min jagħmel it-talba.

5.27 Il-membri tal-pubbliku li jiktbu lill-Bank f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE jirċievu risposta bl-istess lingwa.

5.28 L-applikant jista' jiġi mitlub iħallas biss l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bgħit tal-kopji. It-tariffa ma tistax taqbeż l-ispejjeż reali tal-produzzjoni u l-bgħit tal-kopji.

[8] Fil-prattika, talbiet għal informazzjoni f'lingwi tal-UE apparti mil-lingwi ta' ħidma tal-BEI (il-Franċiż u l-Ingliż) jistgħu jkunu soġġetti għal żminijiet itwal minħabba ż-żmien meħtieġ għat-traduzzjoni. L-istess japplika għal talbiet li jikkonċernaw volumi kbar ta' informazzjoni u informazzjoni li hija relatata ma' partijiet terzi.

5.29 L-ipproċessar tat-talbiet għandu jsir b'mod konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

5.30 Il-Bank jirriżerva l-possibbiltà li jirrifjuta li jipproċessa applikazzjoni li hija eċċessiva jew ripetittiva. L-istess japplika għal applikazzjonijiet li huma b'mod ċar frivoli jew malizzjużi jew kummerċjali fin-natura tagħhom.

5.31 Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali wara l-applikazzjoni inizjali, l-applikant jista', fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li jirċievi r-risposta tal-Bank, jagħmel applikazzjoni konfermatorja fejn jitlob lill-Bank biex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu. Alternattivament, l-applikant jista' jressaq ilment quddiem il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti fi żmien sena mir-risposta tal-BEI.

5.32 L-applikazzjoni konfermatorja volontarja tiġi pproċessata mis-Segretarju Ġenerali tal-Bank skont id-dispożizzjonijiet preċedenti (ara l-artikoli 5.23 – 5.25).

5.33 Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali wara applikazzjoni konfermatorja, il-Bank jinforma lill-applikant bir-rimedji disponibbli għalih, primarjament billi jressaq ilment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti jew billi jiftaħ proċeduri tal-qorti kontra l-Bank quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

5.34 In-nuqqas tal-Bank li jibgħat risposta għal talba fil-limitu taż-żmien preskritt jiġi meqjus bħala risposta negattiva u jagħti jedd lill-applikant biex iressaq ilment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI jew jiftaħ proċeduri ġudizzjarji kontra l-Bank quddiem il-Qorti.

# 6. Dispożizzjonijiet għal Ilmenti u Appelli

## Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti

6.1 Id-dispożizzjonijiet għall-ilmenti huma ddeterminati mill-Prinċipji, it-Termini ta' Referenza u r-Regoli ta' Proċedura tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI li jagħraf id-dritt tal-membri tal-pubbliku biex iressqu lment fir-rigward ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina kontra l-BEI u jipprovdi lill-pubbliku b'għodda li tippermetti soluzzjoni alternattiva u antiċipatorja tat-tilwim.

6.2 Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fiżika jew ġuridikamilquta, jew li tħossha milquta, minn deċiżjoni u/jew azzjoni tal-BEI, li tinkludi nuqqas ta' twettiq skont il-Politika ta' Trasparenza tiegħu, tista' tressaq ilment lis-Segretarju Ġenerali tal-BEI bil-posta elettronika fuq complaints@eib.org jew billi timla l-formola online disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE (http://www.eib.org/infocentre/complaints-form.htm). L-ilmenti jridu jitressqu fi żmien sena mid-data meta l-fatti fuq liema l-allegazzjoni hija bbażata tiġi rikonoxxuta mill-ilmentatur.

6.3 B'mod konformi mar-Regoli ta' Proċedura, il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI ma jistax jindirizza lmenti li diġà tressqu quddiem mekkaniżmi ta' reviżjoni amministrattivi jew ġudizzjarji oħrajn jew li diġà ġew solvuti minn dawn tal-aħħar.

## L-Ombudsman Ewropew

6.4 Fil-każ ta' nuqqas ta' sodisfazzjon bir-riżultat ta' lment imressaq quddiem il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI, iċ-ċittadini tal-UE jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew għandha l-uffiċċju ewlieni

tagħha fi Stat Membru tal-UE tista', skont l-Artikolu 228 TFUE u minkejja interess dirett fl-amministrazzjoni ħażina allegata, tressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew. Wara l-Memorandum ta' Qbil iffirmat mill-BEI u l-Ombudsman Ewropew, dan tal-aħħar jimpenja ruħu li b'mod sistematiku juża l-poter tal-inizjattiva tiegħu stess sabiex jindirizza l-ilmenti mressqa kontra l-BEI fejn l-unika raġuni li timpedixxi inkjesta hija l-fatt li l-ilmentatur ma jkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li għandha l-uffiċċju ewlieni tagħha fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### IL-KUMITAT TA’ KONFORMITÀ TAL-KONVENZJONI TA’ AARHUS

6.5 Kwalunkwe membru tal-pubbliku għandu d-dritt li jissottometti komunikazzjonijiet lill-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kontra l-Unjoni Ewropea dwar l-allegat nuqqas ta' konformità tal-BEI mal-Konvenzjoni. Aktar dettalji dwar dan il-mekkaniżmu ta' reviżjoni tal-konformità jinstabu fl-indirizz li ġej: http://www.unece.org/env/pp/compliance/Pubcom0205.doc

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

6.6 Id-deċiżjoni tal-Bank wara l-applikazzjoni konfermatorja tkun suġġetta wkoll għal appell ġudizzjarju quddiem il-Qorti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 263 u 271. Meta jkunu qed jiddeċiedu jekk iressqux lill-BEI quddiem il-Qorti, il-partijiet interessati għandhom iqisu l-fatt li l-appell ġudizzjarju jista' jipprekludi l-aċċess għal mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bħall-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI u l-Ombudsman Ewropew.

6.7 Il-Bank jippubblika rapport annwali tal-ilmenti sottomessi taħt il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti. L-ilmenti sottomessi lill-Ombudsman Ewropew jiġu ppubblikati wkoll fuq il-websajt tal-Ombudsman u fir-Rapport Annwali tiegħu. Id-deliberazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u tal-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiġu ppubblikati wkoll fuq il-websajts tagħhom.

## 7. L-Involviment tal-Partijiet Interessati u Konsultazzjoni Pubblika

### IL-PRINĊIPJI GĦALL-INVOLVIMENT TAL-PARTIJIET INTERESSATI

7.1 L-objettiv bażiku tal-prinċipji tal-BEI dwar l-involviment tal-partijiet interessati huwa biex jiġi żgurat li l-partijiet interessati jiġu mismugħa, u li t-tħassib tagħhom jiġi indirizzat b'mod xieraq.

7.2 Il-BEI jippromwovi t-trasparenza bħala mod biex isaħħaħ ir-responsabbiltà tiegħu. Għaldaqstant, aktar milli sempliċement jiżvela informazzjoni standardizzata u aktar minn sempliċement fluss ta’ informazzjoni f’direzzjoni waħda, il-BEI jimmira li jipprovdi lill-partijiet interessati bl-informazzjoni li jeħtieġu sabiex jagħmlu kontribuzzjonijiet pożittivi lejn it-titjib tal-kwalità tal-attivitajiet tal-Bank. Din it-trasparenza teħtieġ djalogu kontinwu bejn il-Bank u l-partijiet interessati dwar l-għoti ta’ informazzjoni.

7.3 L-involviment tal-partijiet interessati tal-BEI jsegwi l-aħjar prassi, immirat biex ikattar il-fehim reċiproku, jindirizza t-tħassib tal-partijiet interessati u jaġġusta l-attivitajiet tiegħu kif xieraq, inaqqas distakki potenzjali bejn l-aspettattivi, il-politika u l-prassi u jikseb aktar koerenza u responsabbiltà fil-politiki u l-prattiki tal-Bank.

7.4 Id-dettalji tal-kuntatt tal-persunal tal-BEI li jikkoordina l-involviment tal-Bank mal-partijiet interessati f'livell istituzzjonali jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-BEI.

## L-INVOLVIMENT TAL-PARTIJIET INTERESSATI FIL-PROĠETTI

7.5 Fuq livell ta’ proġetti, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika huma rekwiżit mhux biss tad-Direttiva EIA tal-UE (2011/92/UE kif emendata minn 2014/52/UE) iżda wkoll ta’ għadd ta’ Direttivi oħrajn tal-UE. Il-BEI huwa impenjat bis-sħiħ lejn il-prinċipji tal-involviment tal-partijiet interessati kif iddefiniti fl-Istandard dwar l-Involviment tal-Partijiet Interessati[9] tiegħu u jippromwovi prattika tajba simili fost il-klijenti tiegħu[10] (kif iddefinit mill-aħjar prassi).

7.6 Ir-responsabbiltà primarja għall-informazzjoni u l-involviment mal-partijiet interessati lokali fuq bażi ta' proġett taqa’ fuq il-promotur u/jew is-sellief tal-proġett skont il-Manwal Ambjentali u Soċjali tal-Bank. Jekk jitqies li huwa neċessarju l-BEI għandu jiffaċilita l-organizzazzjoni ta’ laqgħat, permezz ta’ jew b’kooperazzjoni mal-promotur u/jew is-sellief tal-proġett, mal-partijiet ikkonċernati sabiex ikunu jistgħu jinftiehmu aħjar il-kwistjonijiet tagħhom fir-rigward tal-proġett speċifiku. Jekk meħtieġ, il-persunal tal-BEI jista' jattendi dawn il-laqgħat.

7.7 Il-BEI jagħmel sforzi biex ikun involut mal-partijiet interessati matul missjonijiet fuq il-post. Barra mill-UE, l-involviment ma' partijiet interessati nazzjonali qiegħed iseħħ aktar permezz ta' kanali differenti u permezz tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f'dawk il-pajjiżi. Diskussjonijiet mal-partijiet interessati nazzjonali normalment ikunu speċifiċi għall-pajjiż u jitqiesu mill-BEI bħala għodda biex jadatta għall-karatteristiċi speċifiċi tal-proġetti.

7.8 Il-Bank jagħraf li jista' jibbenefika mill-istabbiliment ta' djalogu kostruttiv ma' partijiet interessati informati sew fil-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' proġetti. Il-partijiet interessati jistgħu jikkontribwixxu għal-leġittimità ta’ proġett u t-tagħrif profond tagħhom u l-mod kif huma jifhmu l-kwistjonijiet lokali jista’ jgħin biex itejjeb il-prestazzjoni u jimminimizza r-riskji ta’ proġett.

7.9 Il-Bank huwa lest biex jesplora modi potenzjali oħra ta' involviment ma' partijiet interessati affettwati minn proġetti b'potenzjal ta' riskju ambjentali u soċjali għoli, inklużi d-drittijiet tal-bniedem.

## KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

7.10 Il-BEI jinsab impenjat li jkompli jinvolvi ruħu, fuq bażi volontarja, f’konsultazzjoni pubblika formali dwar politiki magħżula. Dan il-proċess parteċipatorju jippermetti lil partijiet interessati esterni u lill-persunal tal-BEI biex jipparteċipaw fit-tħejjija u r-reviżjoni ta’ dokumenti ta’ politika, biex b’hekk jikkontribwixxu għall-kwalità u l-kredibbiltà tagħhom. Il-BEI normalment jorganizza proċess ta' ċiklu wieħed ta' konsultazzjoni pubblika qabel is-sottomissjoni tad-dokument ta' politika rispettiv lill-Bord tad-Diretturi tal-Bank (jew il-Kumitat ta' Tmexxija, skont kif applikabbli). Il-perjodu ta' konsultazzjoni jkun minimu ta' 45 jum tax-xogħol. Il-BEI jista' jiddeċiedi wkoll għat-tieni ċiklu ta' konsultazzjoni pubblika b'perjodu ta' konsultazzjoni minimu ta' 20 jum tax-xogħol u/jew laqgħa pubblika mal-partijiet interessati matul il-perjodu ta' konsultazzjoni. Wara li titlesta l-konsultazzjoni u tal-anqas 15-il jum tax-xogħol qabel l-approvazzjoni mill-korp amministrattiv korrispondenti, l-abbozz finali tal-politika jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-BEI, flimkien mal-abbozz tar-Rapport tal-Konsultazzjoni, is-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati u l-kummenti mmotivati tal-Bank dwar il-kontributi tagħhom.

7.11 Il-partijiet interessati jiġu infurmati dwar konsultazzjonijiet pubbliċi futuri permezz tal-websajt u safejn ikun possibbli permezz ta’ korrispondenza diretta bil-posta elettronika. L-iskeda, kif ukoll id-dettalji tal-kuntatt għal kull konsultazzjoni, huma ppubblikati wkoll fuq il-websajt.

[9] Ara l-Istandard Ambjentali u Soċjali tal-BEI nru 10 dwar l-Involviment tal-Partijiet Interessati

[10] Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-integrazzjoni tagħha fid-Direttiva EIA tal-UE, il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet ta' Popli Indiġeni tan-NU u l-Istrateġija tal-UE 2011-2014 għar-Responsabbiltà Korporattiva Soċjali.

# 8. Nippromwovu t-Trasparenza

8.1 Tmexxija dgħajfa, korruzzjoni u nuqqas ta' trasparenza huma kwistjoni ewlenija f'xi wħud mir-reġjuni fejn jopera l-BEI u jikkostitwixxu xkiel serju għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Il-BEI jippromwovi b'mod attiv it-trasparenza u t-tmexxija tajba fil-proġetti li huwa jiffinanzja, fil-kumpaniji li fihom jipparteċipa u ġeneralment mal-kontropartijiet tiegħu.

8.2 Il-BEI jinsab impenjat ukoll bis-sħiħ lejn it-trasparenza fis-swieq kapitali fejn jiġu offruti l-bonds tiegħu.

8.3 Promoturi u/jew selliefa u kofinanzjaturi tal-proġetti jiġu infurmati dwar il-prinċipji ta' din il-Politika fi stadju bikri fid-diskussjonijiet. Il-Bank iħeġġeġ lill-promoturi u/jew lis-selliefa tal-proġetti biex isegwu l-prinċipji ta' trasparenza speċifikati f'din il-Politika fil-kuntest tal-proġetti ffinanzjati.

8.4 Il-Bank iżomm kuntatti mill-qrib ma' istituzzjonijiet u korpi tal-UE u internazzjonali oħrajn sabiex jissorvelja u jiskambja opinjonijiet dwar żviluppi ġodda fil-qasam tat-trasparenza u l-iżvelar bil-għan li jtejjeb kontinwament il-politiki u l-prattiki tiegħu stess. Jindirizza wkoll kwistjonijiet ta' trasparenza u żvelar fid-djalogu dejjem għaddej mal-partijiet interessati l-oħra kollha.

8.5 Il-BEI ser ikompli jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex itejjeb it-trasparenza, ir-responsabbiltà u t-tmexxija tiegħu, u biex ikun minn ta' quddiem nett bħala istituzzjoni trasparenti u responsabbli.

## Inizjattiva għal Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni

8.6 Il-BEI huwa konvint li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tat-titjib fit-trasparenza u r-responsabbiltà fl-industriji tal-estrazzjoni huwa element essenzjali li jirfed l-iżvilupp ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar, u għall-istabbiltà politika f'pajjiżi għonja fir-riżorsi. Wara li approva l-Inizjattiva għal Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni (EITI), il-BEI huwa impenjat li jappoġġja l-ħidma tal-inizjattiva f'pajjiżi għonja fir-riżorsi barra l-UE fejn jopera l-Bank, b'mod partikolari billi jaħdem mal-isponsers ta' proġetti sabiex jintroduċi trasparenza u konsistenza akbar fir-rappurtaġġ dwar pagamenti fil-livell ta' proġett. Fl-istess ħin, il-BEI ser ikompli jippromwovi l-inizjattiva fil-kuntatti tiegħu ma' gvernijiet u awtoritajiet nazzjonali u jħeġġiġhom biex jadottaw il-prinċipji tal-EITI għar-rappurtaġġ u l-pubblikazzjoni tad-dħul tal-industrija tal-estrazzjoni. Il-Bank se jadatta wkoll il-prattiki tiegħu skont l-iżviluppi leġiżlattivi li jistipulaw ir-rekwiżiti tat-trasparenza applikabbli għal entitajiet fis-settur tal-industrija tal-estrazzjoni.

## Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna

8.7 Abbażi tal-impenn tiegħu biex kontinwament itejjeb l-istandards tat-trasparenza u r-responsabbiltà tiegħu u biex jiżgura li l-ħidma tiegħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tissodisfa l-ogħla standards tat-trasparenza miftiehma internazzjonalment, il-BEI huwa membru tal-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI), u se jimplimenta l-istandard tar-rappurtaġġ tal-IATI miftiehem internazzjonalment għall-finanzjament tal-għajnuna u l-iżvilupp.

# 9. Responsabbiltajiet

9.1 Waqt li skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Bank, il-Bord tad-Diretturi għandu l-kompetenza biex jadotta l-Politika ta' Trasparenza, is-sorveljanza u l-implimentazzjoni tagħha jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Bank. Ir-responsabbiltajiet huma mqassma fi ħdan l-organizzazzjoni b'mod adattat sabiex jiġi żgurat li l-objettivi tal-politika jiġu riflessi f'miri u attivitajiet f'kull livell tal-organizzazzjoni.

9.2 Hemm riżorsi assenjati għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Trasparenza fi ħdan l-organizzazzjoni sħiħa. Persunal rilevanti f'kull livell tal-organizzazzjoni jingħata taħriġ dwar kif għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' trasparenza u żvelar, djalogu ma' partijiet interessati, u suġġetti relatati oħrajn. Fi ħdan l-organizzazzjoni, hemm disponibbli riżorsi esperti sabiex jagħtu pariri dwar kwistjonijiet ta' trasparenza.

9.3 Il-Politika ta' Trasparenza hija soġġetta għal proċess kontinwu ta' evalwazzjoni interna u valutazzjoni tal-kwalità u hija miftuħa għal kummenti mill-pubbliku. L-evalwazzjonijiet formali, inklużi konsultazzjonijiet pubbliċi, huma mistennija li jseħħu kull 5 snin, jew inkella jistgħu jinbdew f'każ ta' bidliet fil-qafas leġiżlattiv u tal-politika tal-UE dwar it-trasparenza u l-iżvelar tal-informazzjoni, bidliet fil-politiki u l-proċeduri fi ħdan il-BEI li jeħtieġu allinjament ta' din il-Politika, u kwalunkwe bidla oħra li l-BEI jqis li hija meħtieġa u xierqa.

9.4 Il-Bank jippubblika annwalment rapport għas-sena preċedenti dwar l-implimentazzjoni ta' din il-Politika, inkluż pereżempju l-għadd ta' talbiet għal informazzjoni pproċessati, l-għadd ta' każijiet fejn il-Bank irrifjuta li jagħti aċċess għall-informazzjoni, ir-raġunijiet għal dan ir-rifjut, it-tip u l-għadd ta' appelli ppreżentati quddiem mekkaniżmi tal-appelli differenti, l-aderenza għal skadenzi speċifikati għar-risposta għal talbiet għal informazzjoni u għall-pubblikazzjoni fuq il-websajt ta' informazzjoni relatata mal-proġetti.

**Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment**




## Kuntatti

### Għal informazzjoni ġenerali:

**Servizz ta’ Informazzjoni**
+352 4379-22000
+352 4379-62000
info@eib.org

**Bank Ewropew tal-Investiment**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
+352 437704
**www.eib.org**

© EIB – 07/2015 – MT – © EIB GraphicTeam